MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 233/2006

**Maltacom Plc 22334 u b'digriet moghti fl-10 ta' Dicembru, 2007 is-socjeta' attrici bidlet isimha ghal Go Plc**

**vs**

**Luigi Giuseppe Patamia u b'digriet tal-31 ta' Awissu, 2006 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Michele Belfiore u Angela Galata'**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn tmien mija tlieta u tletin Ewro u

hamsa u sebghin centezmu (€2833.75) ekwivalenti ghal LM1216.53 rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21314255 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 8 ta’ Gunju, 2004 u 25 ta’ Ottubru, 2005 din ta’ l-ahhar mibghuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet mit-8 ta’ Gunju, 2004 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut Luigi Patamia eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

Il-konvenut qatt ma kellu x’jaqsam mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21374255, qatt ma uzah u l-anqas biss qatt dahal fil-proprjet’ li kienet qed tinghata dan is-servizz. Ghalhekk ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenut u s-socjeta’ attrici, kif ser jigi ppruvat;

In ‘*subordine’* u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici.

Illi b’digriet tal-31 ta’ Awissu, 2006 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta’ Michele Belfiore u Angela Galata’.

Illi ra l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza fejn eccepixxew illi:

Preliminarjament in-nullita' tal-avviz stante illi ma giex notifikat b'lingwa li jifhmu skond il-ligi;

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2156 (f) tal-Kap.16;

Illi l-eccipjenti m'humiex kuntraditturi u gew kjamati in kawza unikament stante li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

Illi mid-dokumenti ezebiti mis-Socjeta' attrici jidher li l-linja applika ghaliha u uzaha l-konvenut Patamia;

It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti u d-dokumenti kolha li gew prezentati f'din il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Noel Scerri, Luigi Giusepe Patamia u Michele Belfiore.

Sema' t-trattazzjoni tas-socjeta' attrici kif ukoll tal-konvenut Patamia.

**IKKUNSIDRA**

Illi mill-provi jirrizulta illi din il-kawza tittratta dwar kont telefoniku li baqa' ma thallasx lis-socjeta' attrici. Ili l-konvenut Patamia ikkontenda illi huwa qatt ma kien ghamel uzu minn numru telefoniku indikat mis-socjeta' attrici u li dak in-numru kienu ghamlu uzu minnu certi Angela Galata u Michele Belfiore li sussegwentement gew kjamati in kawza u li cahdu illi huma kellhom x'jaqsmu ma dak in-numru telefoniku.

Illi mix-xhieda tas-socjeta' attrici intqal illi s-servizz telefoniku li jgib in-numru ta' 21314255 kien isejjah lil

konvenut Luigi Giuseppe Patamia li kien iffirma ftehim ghal dan is-sevizz fil-11 ta' Novembru, 2000.

Sema x-xhieda ta' Patamia fejn huwa cahad illi kellu x'jaqsam man-numru telefoniku mertu fil-kawza odjerna. Huwa kien jaf lill-konvenuti kjamati in kawza u kien ghamlilhom pjacir billi qieghed ismu fuq il-kuntratt ghas-servizz telefoniku mas-socjeta' attrici. Qal ukoll illi huwa kien sema' mis-socjeta' attrci xi erba' snin ilu izda qatt ma kkomunika mas-socjeta' attrici peress illi haseb illi l-problema kienet ha tisssolvi ruhha mall-konvenut kjamat in kawza Belfiore. Izda t-Tribunal jirrilleva illi dan qatt ma sehh.

Illi mix-xheda tal-konvenut '*kjamat in kawza'* Belfiore jirrizulta illi huwa kellu arrangament mal-konvenut Patamia illi kien bi shab mieghu f''*restaurant*' imsejjah '*Belfiore Sicilia in Bocca'* u li kellu '*management agreement'* mal-konvenut Patamia. Huwa kellu jipprezenta kopja ta' dan il-ftehim lit-Tribunal izda baqa' ma giex ipprezentat. Illi rigward is-servizz telefoniku mertu fil-kawza odjerna, x-xhud qal illi Patamia kien applika ghal servizz telefoniku u Patamia kien jiehu l-flus mir-'*restaurant*' ghal kont tat-telefon. Wara xi zmien il-konvenuti ma baqghux jahdmu flimkien.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuti kjamati in kawza ghalkemm ipprezentaw risposta, qatt ma hadu interess f'din il-kawza odjerna u Michele Belfiore xehed darba fis-27 ta' Gunju, 2007 u ghal sitt seduti wara qatt ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal ghal kontro-ezami tieghu kif ukoll ghal provi rimanenti tal-konvenuti kjamati in kawza. Illi ghalkemm l-konvenuti kjamati in kawza huma parti mill-kawza u ghalhekk kellhom kull interess li jsegwu l-kawza taghhom, huma baqghu ma dehrux ghal dawn l-ahhar tmien seduti. Illi nonostante illi huma parti mill-kawza, s-socjeta' attrici ghamlet diversi tentattivi sabiex tingungi x-xhud Belfiore ghall-kontro-ezami tieghu izda jidher illi ma kienx ghadu joqghod fl-istess indirizz u li l-avukat ta' fiducja tieghu ma kienx baqghalu kuntatt mieghu.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kjamati in kawza illi huma ma gewx notifikati b'lingwa li huma jifhmu, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-proceduri ghan-notifika tat-talba saru skond il-ligi. Rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti kjamati in kawza dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2156(f) jidher illi skond ittra ufficjali ezebita mis-socjeta' attrici t-terminu ta' preskrizzjoni gie interrott fil-konfront tal-konvenut Patamia izda Belfiore u Galata' qatt ma gew notifikati bl-ittra ufficjali u konsegwentement fil-fehma tat-Tribunal fil-konfront tal-kjamati in kawza il-kawza hija preskritta.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-kuntratt ghas-servizz telefoniku kien sar bejn is-socjeta' attrici u u l-konvenut Patamia fl-10 ta' Novembru, 2000.

Ili fil-mertu t-Tribunal jirrilleva illi l-ftehim ghas-servizz telefoniku gie iffirmat mill-konvenut Giuseppe Patamia u li huwa per konsegwenza ghandu l-obbligu bil-ligi li jirrispondi ghalih. Illi mill-provi jirrizulta illi dan il-ftehim baqa' '*in vigore'* u l-firmatarju qatt ma nbidel.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm dan it-Tribunal huwa gwidat bl-ekwita' ghandu l-obbligu li jara li d-decizjoni bazata fuq l-ekwita' ghandha tkun konformi mall-Ligi.

Illi f'dan il-kaz jezisti ftehim iffirmat mill-konvenut Patamia ghas-servizz telefoniku bin-numru 314255 fl-10 ta' Novembru, 2000. Illi l-firmatarju ghas-servizz telefoniku qatt ma nbidel u baqa' jsejjah lil Luigi Patamia u li sahansitra meta s-socjeta' attrici kienet ikkommunikat mieghu dwar il-kont pendenti huwa ma kien ghamel ebda tentattiv sabiex jikkomunika lura mas-socjeta' attrici. It-Tribunal ma jistax ma jiehux konjizzjoni ta' dawn il-fatti u ghaldaqstant huwa konvint illi l-konvenut Patamia huwa resposnabbli ghal kontijiet mhux imhallsa u li huma mitluba mis-socjeta' attrici.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fil-21 ta' Mejju, 2008 mill-PL Noel Scerri . Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi ngabu quddiemu bizzejjed provi kemm fuq il-mertu kif ukoll dwar il-preskrizzjoni. Illi l-kuntratt ghas-servizz telefoniku kien sar mieghu u qatt ma kien hemm tentattiv da parti tieghu sabiex l-isem li jsejjah dak jinbidel. Jidher ghalhekk car u manifest illi l-kawza fil-konfront tal-konvenut Patamia fil-mertu gie ppruvat mis-socjeta' attrici.
Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi giet ippruvata li l-kawza fil-konfront tal-kjamati in kawza hija preskritta u wara illi ra illi ngabu bizzejjed provi kontra l-konvenut fil-mertu t-Tribunal ma jidhirlux illi ghalkemm gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti dan m'ghandux jitqies bhala mistqarr minnhom. In oltre t-Tribunal huwa tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet ampjament ippruvata fil-konfront tal-kjamati in kawza u li r-responsabilita' ghal hlas tas-servizz telefoniki hija unikament tal-konvenut Luigi Giuseppe Patamia.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Luigi Giuseppe Patamia jhallas fis-somma ta' elfejn tmien mija tlieta u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2833.75) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------